MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 755/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Raymond Falzon (ID568861M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' April, 2005, fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u hdax-il lira Maltija u erba' centezmi (Lm1311.04), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 21442513 (AT3275/85 a/c10134362), liema servizz gie nstallat fil-fond « Silver Shadow », Triq is-Sajf, Qormi, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness u mmarkat Dok.A u kuntratt relattiv mmarkat Dok.B.**

**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-30 ta' Gunju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tlett mija u hdax-il lira Maltija u erba' centezmi (Lm1311.04), bl-imghax legali dekoribbli mill-lum, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------